L-EWWEL KTIEB
IT-TMIENJA U TLETIN SENA

MARZU
1962

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ
*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITORJAL — Qari u Kitba bil-Malti fl-Istorja tat-Tagħlim f'Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... faċċ. 3

PATRI ALFRED M. PREVI, O.P. — *Quddiem Xbieha tal-Madonna* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 9

FRA ĠORĠ AQUILINA, O.F.M. — Patri Liborju Caruana, O.F.M. ,, 9

PATRI DIJONISJU MINTOFF, O.F.M. — Indri ... ... ... ... ... ... ,, 12

JOHN BEZZINA — Folklore tar-Randan f'Għawdex ... ... ... ,, 15

EDITUR — Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 20

PATRI VALENT V. BARBARA, O.P. — *Qrib il-Port* ... ... ... ... ,, 21

JOE VELLA BONDIN — Fwieħet il-Ward ... ... ... ... ... ... ,, 22

MONS. ANTON GAUCI — *Ulied ir-Raba' t'Għawdex* ... ... ... ,, 25

A.Z. — FREDDIE BUHAGIAR ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 26

REĊENSJONIJIET ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 28

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Pau'a.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

# IL-MALTI

# QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IT-TMIENJA U TLETIN SENA

1962

STAMPERIJA TAD-DAR TA' SAN ĠUŻEPP,
ĦAMRUN

IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

MARZU
1962

# Qari u Kitba Bil-Malti Fl-Istorja tat-Taghlim F'Malta

*KIEN VASSALLI, kif kien fisser f'għeluq il-Prefazzjoni tad-Dizzjunarju tiegħu, li sa mill-1796, kien wera l-ħtieġa li jitwaqqfu skejjel pubbliċi fejn it-tfal jibdew, l-ewwelnett, jitgħallmu jaqraw u jiktbu bil-Lsien Malti, li hu kien sejjaħlu Lsien Nazzjonali, biex bih jinqdew għall-bżonnijiet tagħhom, imbagħad maż-żmien iservihom bħala mezz biex jitgħallmu ilsna oħra. Il-pjan tiegħu kien li f'Malta u Għawdex, fl-ibliet u rħula, ikun hawn mas-sbatax jew tmintax-il skola bi spiża ta' madwar 3,500 skut fis-sena. Vassalli stess, ftit wara li kien ġie minn Ruma fejn kien mar jissokta l-istudju tiegħu, u laħaq stampa grammatika Maltija bil-Latin, kien talab lill-Gran Mastru fl-1795, biex jiftaħ skola pubblika tal-Malti bl-iskop li din tkun ta' għajnuna biex it-tfal ikomplu jitgħallmu ilsna oħra barranin.*

*Dawk kienu, iżda, żminijiet imwiegħra minħabba t-taqlib fl-istat pulitku tal-pajjiż, u, għalhekk, il-ħsieb ta' Vassalli ma satax jitwettaq. Fiż-żmien qasir tal-ħakma Franċiża f'Malta t-tagħlim safa' fix-xejn. Ma kienx ħlief wara xi 25 sena, fi żmien il-Gvern Ingliż, li bdew jidhru xi kotba bil-Malti biex fuqhom it-tfal jitħarrġu fil-qari u fil-kitba bil-Malti.*

*Fost dawn il-kotba ta' min isemmi:* Chtieb-il-Kari yaw Daħla 'al Ilsien Malti *(1824);* Trattat fuk l'Oblighi tal-Bniedem *tal-Patri F. Soave (maqlub bil-Malti) (1826). Dawn iż-żewġ kotba aktarx kienu ħarġuhom Francis Vella u Giuseppe Montebello Pulis. Il-ktieb ta' l-aħħar kien għall-użu tal-Kulleġġ ta' Għawdex. Il-kitba tagħhom timxi fuq l-ortografija Taljana, b'xi ittri Għarbin għall-Għ u l-h. Barra minn dawn il-kotba, qabel kellna it-*Tagħlim Nisrani *(1752), li tista' tgħid kienet l-ewwel* Dutrina Nisranija *maqluba mit-Taljan mill-Qassis Dun Franġisk Uzzino b'ordni ta' l-Isqof Fr. Paolo Alpheran; u* l-Vanġelu ta' San Ġwann *maqlub bil-Malti minn G.M. Canolo (1822).*

*Vassalli, wara t-Trattat ta' Pariġi, reġa' lejn Malta (1820) u b'riħet l-għajnuna ta' J. Hookham Frere, seta' jissokta jħad-*

*dem il-pinna tiegħu għall-istudju tal-kitba Maltija; għalhekk insibu li fl-1825 ġie maħtur surmast tal-Malti ta' skola fl-Università ta' Malta, u, milli jidher, il-Grammatika Maltija bit-Taljan stampata fl-1827, mhix ħlief il-ġabra ta' lezzjonijiet li kien jagħti lill-istudenti f'din il-klassi.*

*Barra minn din l-iskola tal-Malti fl-Università jidher li madwar l-1830, ċertu Reverendu Keelings kien fetaħ skola l-Belt, fejn għal xi żmien kien ikun hemm ma' l-120 tifel bejn subien u bniet jitgħallmu l-qari u l-kitba Maltija, l-aritmetika u l-Ingliż.*

*'L hawn u 'l hinn dik il-ħabta kien hemm ukoll xi skejjel żgħar megħjunin b'xi kontribuzzjonijiet biex fihom it-tfal jitgħallmu jaqraw u jiktbu bil-Malti. Madwar l-1831-32 deħru xi kotba bil-Malti miktubin bl-ortografija ta' Vassalli fil-Grammatika Maltija tiegħu bit-Taljan (1827). Fost dawn il-kotba ta' min isemmi:* Ktyb-yl-Qari 'at-Tfal *(1831)*; Storja tas-Sultan Ciru mir-Rollin *(1831); maqlub bil-Malti minn Vassalli, stampat wara mewtu, minn fuq manuskritt:* Ktyb yl Qari fuq Bosta Hwejjeġ, maħtura myn kotba Kattoliċi *(1832). Ftit snin wara, Francis Vella ħareġ il-Grammatika tiegħu,* Maltese Grammar in English *(1836) fejn l-alfabet huwa b'ittri Latini b'xi dijakritiċi fuq xi ittri palatali, aspirati u gutturali, bħalma nsibu fl-*Abbecedario Tiegħu *(1838).*

*Kien madwar das-snin meta bdew jinfetħu xi skejjel għattagħlim tat-tfal tal-poplu. Sal-1836-37 ma kienx hawn ħlief tliet skejjel, waħda l-Belt Valletta, imsejħa Skola Normali, oħra l-Isla u l-oħra Għawdex, u l-ispiża tagħhom maħruġa mill-Gvern ma kenitx twassal ħlief is-somma ta' dwar l-£400 b'kollox. Wara żdiedu xi skejjel oħra, il-Furjana u fl-irħula, u dawn ħadu l-isem ta' Skejjel Elementarji tal-Gvern u Skejjel Sekondarji. Fost l-ewwel skejjel, fosthom ukoll privati, kien hemm l-Iskola* (Casa d'Industria-Istitut tal-Bniet), *fejn il-lum hemm id-Depot tal-Pulizija, il-Furjana. L-Imdina, skond rapport tal-Kummissjoni mibgħuta mill-Ingilterra dwar l-Amministrazzjoni tal-Gżejjer ta' Malta (1836), kien hemm skola megħjuna mill-Gvern b'60 skut fis-sena u 40 skut fis-sena mill-Katidral b'10 itfal, u ż-Żejtun oħra privata b'xi 45 subien u 30 bniet b'surmast u majjistra b'paga ta' 5 skuti. Is-subien jitgħallmu jaqraw u jiktbu, l-aritmetika u d-Dutrina Nisranija, u l-bniet jitgħallmu jaqraw, ir-rakkmu u l-ħjata.*

*Fl-1838 il-Gvern ħaseb biex idaħħal it-tagħlim tal-qari u kitba bil-Malti bħala mezz għat-tagħlim ta' l-Ingliż u Taljan u*

*fl-1839 ħareġ ktieb tal-Qari bil-Malti u bl-Ingliż* (English and Maltese Reading Book) *għall-Iskejjel Primarji, imma billi fih kien hemm xi ittri b'karattru Għarbi u kliem, flok bil-Malti, bl-Għarbi, dan il-ktieb, wara żmien, kellu jitneħħa minn idejn it-tfal u b'hekk il-Malti, bħala mezz ta' tagħlim, tneħħa wkoll. Xi sena wara Abbé Dr. Salvatore Cumbo* (Piano di Pubblica Istruzione, 1839) *u G.P. Badger* (A Letter on the Eligibilty of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction, etc., 1841) *kienu ssuġġerrew ittri oħra flok l-ittri b'karattru Għarbi.*

*Bejn l-1840 u l-1860 insibu li għall-qari u tagħlim tal-Malti nħolqu xi sistemi differenti ta' alfabetijiet u kitba bil-Malti li għal xi żmien flok ma wettew it-triq fixklu mhux ftit biex tit-wettaq darba għal dejjem kitba uniformi bil-Malti. Fl-1843 twaqqfet* l-Accademia Filologica Maltese *illi l-Alfabet tagħha, kif ukoll il-bini tal-kliem mexa aktarx fuq dak tat-Taljan, ħlief fejn xi kliem jidħlu l-gutturali, f'kelma waħda, sistema ta' ortografija Taljana. Billi t-Taljan dik il-ħabta kien l-ilsien l-iktar imgħallem fl-iskejjel tal-Gvern, il-ħsieb ta' dan is-sistema maħluq mill-Accademia Filologica Maltese kien dak li jinsab u jiġi użat al-fabet li bih l-istudenti jkunu jistgħu jkollhom inqas xkiel biex jitgħallmu l-qari u kitba Taljana. Dan is-sistema baqa' jidher fil-Malti tal-kotba ta' l-iskejjel sa l-1882, għalkemm, barra dan is-sistema, bdew jidhru 'l hawn u 'l hinn xi kotba bil-Malti miktubin b'sistemi oħra.*

*Is-*Society for Promoting Christian Knowledge *li twaqqfet f'Malta dwar l-1845, bil-ħsieb li xxerred il-prinċipji reliġjużi tagħha fost il-Maltin, ħarġet il-ktieb tat-*Talb Għalenija (Book of Common Prayers) u t-Testment il-Ġdid (1847). *Dan ta' l-aħħar hi edizzjoni riveduta ta' l-Erba' Evanġelji ta' Vassalli b'żieda ta' l-Ittri ta' l-Appostli u l-Apokalissi. Fiha tbiddlet l-ortografija ta' Vassalli b'xi ittri li jaqblu ma' dawk ta' l-alfabet Ingliż, bħal ittri* j *(flok il-ġ)*, y *(flok il-*j*)* u sh *(flok l-*x*). Din l-ortografija deħret ukoll f'xi kotba tal-qari, fosthom* Il-Haya u il Venturi ta' Robinson Krusoe ta' York *(1846).*

*Għall-ħabta ta' dan iż-żmien il-Kanonku Dr. Fortunato Panzavecchia, li kien Direttur ta' l-Iskejjel Primarji, ħareġ il-*Grammatica della Lingua Maltese *(1840) b'xi ittri differenti minn dawk tal-alfabet tal-*Accademia Filologica Maltese *u b'sistema grammatikali mibni fuq il-morfoloġija semitika u kriteri tal-Lsien Taljan (1845). Fuq l-istess ortografija ta' din il-*

*grammatika ħareġ xi kotba żgħar fuq il-Bibbja*, Il-Ħajja ta' Ġesù Kristu fil-Qosor *u* Storja ta' Malta Qasira, *bit-Taljan u bil-Malti.*

*Mis-sena 1900 'il quddiem bdew jidhru kotba ta' proża u poeżija bil-Malti mill-aħjar kittieba tal-Malti, fosthom minn Annibale Preca, Gio-Antonio Vassallo, Achille Ferris, Rev. Ludovico Mifsud Tommasi, Richard Taylor u Dwardu Cachia, u, wara xi żmien, Ġużè Muscat Azzopardi, u xi oħrajn.* ***Fost il-kotba ta' proża u poeżija li kienu ħarġu dil-ħabta għall-iskejjel,*** *ta' min isemmi:* L-Inni Mqaddsa, *ecc., ta' Ludovico Mifsud Tommasi (1883);* Ħrejjef, ovvero Saggio di Favole Morali, *li huma ġabra ta' poeżiji mill-pinna ta' Annibale Preca u ta' Gio-Antonio Vassallo; barra minn dawn, ta' Vassallo għandna:* Il-Ħajja ta' San Pawl, *(1858);* Storja ta' Malta għall-Poplu *(1862); u* Ġesù Kristu fid-Dinja. *Poeżiji oħra bil-Malti fi żmien ir-Rev. P. Pullicino, Direttur tal-Iskejjel Primarji, kienu dehru l-ewwel darba fl-1852, imbagħad tarġa' fl-1864, taħt l-isem ta'* Poesie Maltesi ad uso delle Scuole Primarie *b'ortografija tal-*Accademia Filologica Maltese.

*Fl-1882 nibtet ix-*Xirka Xemïa, *li l-ħsieb tagħha, fost l-aħjar kittieba bil-Malti ta' dak iż-żmien, kien li l-ortografija Maltija, skond l-organiżmu morfoloġiku tal-Lsien Malti, tkun mibnija fuq prinċipji ta' Alfabet Fonetiku. Din kellha l-organu tagħha "Is-Sebħ"; ftit u xejn inkitbu kotba ta' proża jew poeżija b'dan l-alfabet, ħlief dawk li ħarġu għat-tfal ta' l-iskola wara li s-sistema ta' din ix-Xirka daħal fl-iskejjel tal-Gvern (1883—1885) fi żmien Savona, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni. Fuq Rapport ta' Kumitat (1888) maħtur biex jistħarreġ fuq it-tfixkil tal-ortografija Maltija b'Alfabet Fonetiku tax-*Xirka, Xemïa *fil-qari u kitba tal-Ilsna, Taljan u Ingliż, ingata' li dan is-sistema ta' kitba ma jitkompliex, u floku fl-iskejjel tal-Gvern, jerġa' jidħol l-Alfabet hekk imsejjaħ Taljan-Malti tal-*Accademia Filologica Maltese, *bħalma kien qabel l-1882. Il-pretest tat-tneħħija ta' dan is-sistema kien aktarx politiku milli didattiku, għax bħalma stqarr Preca, fl-osservazzjonijiet li kien għamel fir-rapport tiegħu fl-inkjesta li saret fuq hekk,* alfabet wieħed għat-Taljan u għall-Malti mhix ħaġa li tista' tkun. *Mill-banda l-oħra hija ħaġa ċara illi għalkemm l-Alfabetijiet Ewropej kollha, huma msawrin b'ittri Romani, xi ittri ma jaqblux ma' xulxin fil-pronunzja, u jekk it-tagħlim tal-Malti b'Alfabet Fonetiku sata' jfixkel it-tagħlim tat-Taljan, daqshekk*

*ieħor l-alfabet Taljan sata' jfixkel fit-tagħlim ta' l-Ingliż, fejn xi ittri ma jaqblux ma' dawk tat-Taljan.*

*Fl-1893 fost il-kittieba tal-Malti nħoloq Kumitat ieħor bil-ħsieb li jorqom l-ortografija Maltija fuq reguli iżjed sħaħ tal-fonetika u morfoloġija Maltija fuq l-istess Alfabet tal-*Accadedemia Filologica Maltese; *imma għal xi raġuni jew oħra l-ħsieb safa' fix-xejn. Wieħed mill-membri ta' din ix-Xirka l-ġdida, imħajjar jissokta x-xogħol li kien inbeda mill-Kumitat, ħadem u ġabar dawk ir-reguli li kienu bdew jinbnew għas-sistema ġdid ta' kitba Maltija biex fuqha jimxu l-aħjar kittieba tal-Malti. Dan kien l-istess Segretarju tax-Xirka l-ġdida, is-Sur Ġann Vassallo, li wara żmien ħareġ il-*Muftieħ tal-Chitba Maltija, *ktieb li wara deher f'edizzjoni ġdida bit-Taljan u f'serji ta' artikoli bl-Ingliż fit-*Teacher. *Fuq l-ortografija tal-*Muftieħ tal-Chitba Maltija *nkitbu l-kotba tal-Qari li kienu ħarġu għall-Iskejjel mill-1901 'l quddiem, fosthom ta' min isemmi* Tagħlim fuq id-Dinja *ta' T. Zammit,* L-Imblocc il-Cbir ta' Malta meħud minn l-Istorja *ta'* Filippu II ta' W. H. Prescot, *u* Flora, *rumanz miġjub mill-Franċiż ta' Kermainguy u L-*Irsir tax-Xwieni *ta' Ġanni Vassallo.*

*Fuq dan is-sistema mexa wkoll Dr. E. Magro fid-dizzjunarju tiegħu mill-Ingliż għall-Malti stampat mill-*A *sal-*L *u kotba oħra. Barra mir-reqqa ta' xi prinċipji grammatikali f'dan is-sistema ta' kitba hemm imdaħħlin l-ittri* w *u* j *bħala konsonanti dgħajfa li fl-alfabet tal-*Accademia Filolgica Maltese *kienu jidħru bil-vokali* u *u* i. *Xi kittieba, fix-xogħlijiet tagħhom u f'xi ġurnali jew rivisti, fosthom Ġ. Muscat Azzopardi u Levanzin, flok il-*w *għażlu li jinqdew bl-ittra* u *bin-nofs qamar fuqha.*

*Billi fost il-kittieba tal-Malti kien baqa' t-taħwid dwar l-ortografija, min jikteb b'mod u min jikteb b'ieħor, u kulma jgħaddi ż-żmien il-pubblikazzjonijiet bil-Malti baqgħu jiżdiedu, wara sejħa fl-istampa sabiex jiltaqgħu l-aħjar kittieba fosthom ġurnalisti, u sabiex jiffissaw sistema ta' ortografija waħda, inħolqot il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. *Fl-1921, inħatret Kummissjoni li wara studju ta' reqqa ħarġet rapport fejn jidher illi l-Għaqda ħaddnet il-prinċipji fonetiċi u morfoloġiċi ta' "*Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija", *iżda daħħlet xi rqaqat u żidiet grammatikali iżjed xjentifiċi tal-ilsna semitiċi, b'tibdil ta' xi ittri fl-alfabet li bihom b'mod l-iżjed prattiku sawret alfabet fonetiku. F'dan l-alfabet l-ittri ċ, ġ, u g (ga) jidhru dejjem għal ħoss wieħed, hi x'inhi l-vokali jew konsonanti li tiġi warajhom;*

*filwaqt li l-gutturali* k *daħlet flok l-ittri* c *u* ch *tal*-Accademia Filogica Maltese *u l*-q *bil-ħoss ta'* qof, *flok il*-k *ta' l-alfabet ta' qabel.*

*Minn mindu nħolqot sal-lum din l-Għaqda, bl-organu tagħha, "Il-Malti", żmien sabiħ ta' madwar 38 sena, li l-ebda Soċjetà jew Xirka oħra letterarja ma laħqitu, aħna naraw li l-kitba Maltija ta' proża u poeżiji tagħleb fil-wisa' dak ix-xogħol u prodott ta' ħidma fil-letteratura Maltija ta' mitt sena ilu u fuqhom.*

*F'dan iż-żmien ta' ħajja tagħha mindu twieldet sal-lum, aħna rajna illi bl-emendi li kienu saru fl-Ittri Patenti dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta tas-snin 1921 u 1934, il-Malti daħal bħala Ilsien uffiċjali, sew fil-Qrati, fl-attijiet notarili, fl-amministrazzjoni dipartimentali tal-Gvern kif ukoll fl-iskejjel, u, fl-aħħarnett fl-Università. Mill-1934, barra minn żewġ grammatiki għat-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel Primarji u Liċeali, grammatika tal-Malti bl-Ingliż għall-istudenti universitarji, ħarġu kotba ta' antoloġiji ta' proża u poeżija bil-Malti, kotba tal-qari, rumanzi, ġabra ta' novelli, traduzzjoni monumentali tal-Bibbja kollha, studji kritiċi, essays, kotba fuq it-taħriġ tal-kitba Maltija, fuq l-istruttura u l-għamla ta' l-Ilsien Malti u l-lingwistika, fejn il-Malti hu miktub bis-sistema tal-Għaqda. Is-sistema tal-Għaqda wara żmien ixxerred b'mod fost il-ġurnalisti, ir-rumanzieri, il-poeti żgħażagħ u xjuħ, illi l-kitba tiegħu saret ukoll il-kitba ta' kull ġurnal, politiku, reliġjuż, kummerċjali jew soċjali, kif ukoll ta' kull rivista.*

*Għalhekk inqisu li nibqgħu nwettqu s-sisien tat-tagħlim tal-Malti bix-xogħlijiet letterarji tagħna li l-lum qegħdin dejjem jiżdiedu u jimlew il-libreriji Pubbliċi tagħna u dawk ta' l-iskejjel u ta' l-Università, imma fuq kollox inqisu li nżommu sħaħ il-prinċipji li fuqhom aħna bnejna għas-seħħ is-sistema ta' kitba tal-Għaqda, li nistgħu nqisuhom fl-istorja ta' l-Lsien Malti bħala s-sisien tal-ħajja tiegħu.*

# QUDDIEM XBIEHA TAL-MADONNA

*Ta'* P. Alfred M. Previ, O.P.

Kemm inħoss tfur il-hena ġewwa qalbi
Meta f'riġlejk nintafa' f'din is-sikta,
Għaliex hawn biss inħoss jinstama' talbi,
Hawn biss issib is-serħ dir-ruħ imnikkta.

U f'dan id-dawl inemnem ċkejken, nilmaħ
Id-dmugħ ileqq fi ħbub għajnejk żġeġija,
U maċ-ċaqliq kull tant tad-dawl, bħal minfaħ
Lil sidrek tiela' u nieżel fit-tbatija.

Għax taf Madonna id-degħbien li jbiegħed
Lil qalbek minn dir-ruħ tad-dnub ilsira,
Dir-ruħ fil-ħażen mgħarrqa, li titriegħed,
Imneżżgħa minn kull ġieħ, marida, fqira.

U nħossok tgħidli int u tħares lejja:
Minn dnubek indem, miftuħin idejja.

---

# PATRI LIBORJU CARUANA, O.F.M.

*Ta'* Fra Ġorġ Aquilina, O.F.M.

NISTGĦU ngħidu bla tlaqliq li s-sekli sbatax u tmintax kienu għall-Patrijiet Minuri Maltin sekli ta' progress u ta' attività sħiħa, li matulhom nisġu l-isbaħ kuruna ta' ġieħ madwar ras il-Provinċja Minoritika Maltija.

Fost il-Patrijiet li għamlu unur insibu lil Patri Liborju Caruana O.F.M. minn Ħal Qormi.

Twieled fl-1663. Ta' sbatax-il sena daħal Patri u beda n-Novizzjat f'Sirakuża, fejn għamel ukoll l-istudji u ipprofessa r-Regula.

Fit-12 ta' Ġunju 1683 ġie ordnat Suddjaknu u sena wara maħtur Saċerdot fil-Katidral ta' Sirakuża minn idejn l-Isqof Mons. Franġisk Fortezza.

Patri Liborju mill-ewwel deher li hu bniedem ħabrieki u għaqli, tant li fl-ewwel snin tas-Saċerdozju tiegħu kien diġà dar il-pulpti l-aktar importanti ta' Sqallija u ta' Malta.

Fis-sena 1692 kien maħtur Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tar-Rabat, fejn dam sena biss. F'din si-sena tal-Gwardjanat tiegħu dan il-Patri ħabrieki wettaq xogħol kbir. Fi żmienu l-Gżejjer tagħna flimkien ma' Sqallija sofrew il-flaġell kbir tat-terremot. Il-Kunvent tar-Rabat ħass bis-sħiħ, bħalma ħassew il-Katidral u bosta postijiet oħra fil-Gżira. Hawn naraw lil Patri Liborju jirfed il-kunvent bit-travi, li n-nefqa tagħhom waslet 100 skud: sakemm ftit wara sewwieh sewwa u żiedlu kuritur ieħor li n-nefqa tiegħu qamet 572 skud, 12-il tari u 29 ħabba, kif jidher mill-kontijiet li jinsabu fl-arkivju tal-Provinċja.

Il-ħila u l-ħeġġa ta' Patri Liborju ma kinux żgħar, tant li nistgħu ngħidu li għadda għomru Superjur. Insibuh, għaldaqstant, Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt għal darbtejn wara xulxin; 1709-1711 u 1711-1712. Kien ukoll Kummissarju tal-Qabar ta' Kristu f'Malta mill-1699-1716 u għal darbtejn Kustodju tal-Provinċja.

Kien nhar Sant'Antnin, it-13 ta' Ġunju 1705, meta fil-Kapitlu Provinċjali li kien sar fil-Kunvent ta' Calatagirone, taħt il-presidenza ta' Patri Franġisk ta' Chiusa, li Patri Liborju ġie maħtur b'voti unanmi Provinċjal ta' Sqallija u ta' Malta. Dam f'din il-kariga sa Ġunju ta' l-1708.

F'dan l-offiċċju l-Patri tagħna mexa bi prudenza u b'karità tal-għaġeb. Kien bniedem li tabilħaqq kien jistħoqqlu kariga hekk għolja. Kien maħbub minn kulħadd, tant, li nhar l-10 ta' Lulju 1714 fil-Kapitlu Provinċjali li ltaqa' fl-istess kunvent ta' Calatagirone, taħt il-presidenza ta' P. Ġużepp Ġirolmu Castaldo, Patri Liborju għat-tieni darba reġa' ġie maħtur Provinċjal u dam sas-sena 1717. Ta' min isemmi li l-Patri tagħna spiċċa minn Provinċjal ftit qabel ma' għalaq iż-żmien, minħabba li kien marid ħafna.

Imma għalkemm marid, ma damx wisq mingħajr kariga għolja li tixraqlu ta' bniedem qaddis u ħabrieki li kien. Għalhekk insibu li l-Viċi-Kummissarju Ġenerali ta' l-Ordni, P. Lawrenz Cozza (li wara laħaq Ġeneral u Kardinal) bilkemm sena wara għażlu bħala Viżitatur Ġenerali tal-Provinċja ta' Kosenza fil-Kalabrja. Iżda ma kellux ix-xorti li jwettaq il-ħidma tiegħu f'dan il-qasam li l-Ubbidjenza lestietlu; għaliex meta ġie Malta, wara li kien dar is-Santwarji ewlenin ta' l-Italja, fil-ħin sewwa li kien nieżel minn fuq ix-xini tah attakk qawwi apopletiku u ttieħed fil-Kunvent tal-Belt. Hawn wara li rċieva s-Sagramenti

għadda għad-dinja l-oħra biex jieħu l-ħlas li kien tabilaqq jixraqlu, fis-16 ta' Diċembru 1718 meta kellu biss 58 sena.

Minbarra x-xogħlijiet ta' bini li tant tħabat għalihom, baqgħu monument il-35 ittra ċirkulari li ħareġ għall-Patrijiet fiddarbtejn li kien Provinċjal. Ittri mimlijin tagħlim qaddis li bih kien mixgħul Patri Liborju.

Fil-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesù tal-Belt, fil-Mużew-Bibljoteka jinsab ir-ritratt tiegħu, li dari kellu taħtu skrizzjoni li kienet tgħid hekk:

Fr. Liborius Caruana a Melita ex Casal Curmi
Ord.Min.Obs.Concionator Lector Theologus
Qui Religiosissima Charitate Fretus
Quamplurima Obtinuit et Praeclara
Religionis Munera
Pluries enim extitit Guardianus
Utriusque Melitensis Conventus
Terrae Sanctae Commissarium Generalem Gessit
In Quo Jubilatus Fuit
Observantis Provinciae Vallis Neti et Melitae Definitor
Bis Custos et Iteratus Minister Provincialis
Nec non Provinciae Calabriae Ulterioris
In Neapolitano Regno
Commissarius Visitator Generalis Electus Fuit
Goriosus Tandem
Laboribus Clarus
Post Piam Sanctorum Italiae Locorum Visitationem
Immatura Morte Praeventus
Obiit Melitae
In Conventu S. Mariae de Jesu
Civitatis Vallettae
Die 16 Decembris 1718
Aetatis suae 58 Religionis 40

# INDRI'

*Ta'* Dijonisju Mintoff, O.F.M.

INDRI' għax dejjem waħdu. Ta' sittax-il sena daħal fi sptar u ma ħareġ minnu qatt. Familja ma kellux għax il-qraba li kien għad baqagħlu ħajjin, kienu warrbuh. Minn missieru wiret biss ismu u marda kbira. Kien tifel tajjeb sakemm iħalluh. Fis-sitt xhur li dam jaħdem il-Port il-Kbir ħabbat wiċċu ma' ħafna Sqallin daqs li kieku wieħed minnhom. Kienet l-ewwel u l-aħħar darba li ħadem. Imma fid-dinja, kif igħid il-qawl Malti, "agħtini xortija u itfagħni l-baħar". U xortih kienet ħażina. Bħal missieru.

Ta' tifel kien iħobb jilgħab kif jagħmlu t-tfal l-oħra kollha. Imma l-ġirien ma kinux iħallu lil uliedhom jilagħbu miegħu. Jibżgħu li jittieħdu minnu. Meta n-nies kienu jgħajruh "marid bħal missieru", Indrì lanqas biss kien jaf fejn jiġi l-bieb ta' l-isptar. Fit-triq kien jimxi ħafif daqs għasfur u jitla' u jaqbeż ċnut tas-sejjieħ daqs xadina. Darba tela' ma' siġra u xxabbat sa l-ogħla fergħa. Ħin bla waqt żelqitlu riġlu l-leminija u baqa' nieżel għal rasu. Waqa' għaxi u ntilef minn sensih. It-tfal sħabu, li kienu jisimgħu lil ommijiethom jitkellmu b'wiċċhom imqarras fuq missieru, bdew igħajruh "marid". Wieħed raġel li kien għaddej mat-tarf tat-triq taptaplu tnejn fuq wiċċu sakemm stejqer filwaqt li skanta kemm kien b'saħħtu biex waqa' minn hemm u ma baqax mejjet.

In-nies flok tagħder u titħassar u tħarislu saħħtu biex ma jiġrilux bħal missieru bdiet tħares lejh mill-bogħod u tiskartah. Kiber, sar żagħżugħ. Ifittex ix-xogħol u ħadd ma jrid iħaddmu; ifittex igħid kelma ma' xi ħadd u ħadd ma jistabar jisimgħu. Jixtieq iħobb żgħażagħ oħra, imma qatt ħadd ma wieġeb għal din l-imħabba. Bla xogħol, ma kienx isib flus fil-but. U bla flus ħadd ma jagħtik x'tiekol. Jekk issib bniedem qalbu tajba jagħtik bukkun ħażin ħażin mhux ser jibqa' jagħmel hekk kuljum. Il-ġuħ idgħajjef il-ġisem u jġib il-mard. Indrì sar marid kif riduh huma. Sab ruħu fi sptar. Dam maqful ġo kamra u msammar ma' sodda ħafna snin. Hawn kien jiekol u jorqod minn fuq il-Gvern, li b'nofs il-flus li nefaqlu biex ifejqu—jekk kien hemm tama—seta' sostnieh meta kien żagħżugħ u biegħed dik il-marda. Indrì ma twelidx marid.

Sar niexef qisu qasba mlibbsa qmis u qalziet. In-nies kienet tibża' anki minn dellu. Kien qisu l-ħares ta' l-isptar. Il-qaddejja tal-"Furmarija" kienu jħallulu l-ikel fuq maqgħad ħdejn is-

sodda u jitilqu jiġru. Jekk kiel tajjeb u jekk ma kielx ukoll. U l-marda dejjem tidħol 'il ġewwa u tnawwar il-qafas ta' sidru. Sidru kien jilheġ u nifsu kien safa' qasir u maqtugħ. Darba ġabar is-saħħa tiegħu kollha u ħareġ għal għonq it-triq. Imxi u ġib lil min jimxi wasal ħdejn xatba ta' għalqa. Hemmhekk iltaqa' ma' bidwi li kien qiegħed jistrieħ wara jum xogħol bla heda. Indri, wara li għorok għajnejh għal darba tnejn, fela minn fuq s'isfel lil dan ir-raġel u qallu:

"Sieħbi, għandek xi sold?"

"Int ma taħdimx?" il-bidwi staqsa b'nofs ħajra.

"Wiċċi ma jurikx li ma naħdimx?"

"Jidhirli li nafek..."

"Ma naħsibx, ħija l-għażiż'".

"Wiċċek mhux ġdid għalija", tenna l-bidwi wara li għolla kemmxejn il-beritta, qala' minn ħalqu l-pipa tal-ġibx imdendla bejn snienu ta' quddiem, farfar il-ġamar ma' ġebla, u għorok moħħu biex bħallikieku jiftakar.

"Jien ftit nidher 'l hawn".

Il-bniedem li jgħix dejjem waħdu, imbiegħed mill-bqija tal-bnedmin huwa bħal ħuta f'għadira ilma maqtugħa fuq blata weħidha, li tibża' anki meta tisma' t-tferfir ta' denb ħuta oħra li waslet biex tmut. Jaħseb li l-bnedmin l-oħra mhumiex tal-laħam bħalu li għandhom qalb tħoss, imma statwi tal-bronż li ma jiċċaqalqux, ukoll jekk sajjetta tfaqqa' ħdejn riġlejhom u toqtol qribhom mitt ruħ; li ma għandhomx ruħ biex titnikket fil-hemm, jew moħħ u dehen biex jaħsbu kif sejrin igħinu lill-oħrajn. Iżda jekk darba jaħsel jiltaqa' ma' bniedem li jarah iċaqlaq fommu u jitkellem u jitbissem ma jemminx 'l għajnejh u widnejh. Hawn jibda jirrakkonta l-imrar li ġarrab u xorob u minn dak kollu li għadda. Ma' kull kelma li jfisser tonqos wiżna uġigħ minn fuq qalbu. Nifsejh jissaffew u griżmejh jeħilsu minn għoqla li kienet ilha tagħfsu snin sħaħ. U l-kliem tal-mogħdrija li jisma' jkun bħall-ilma safi li jagħti l-ħajja lil xitla li għoddha sfaret u dbielet għal kollox.

Il-kliem bħaċ-ċirasa, kelma ġġib l-oħra. U dak in-nhar damu xi siegħa jitħaddtu fuq kemm ġarrbu f'ħajjithom u fuq li fid-dinja m'hawn ħadd bla salib. Iżda malli l-bidwi sellem u telaq, sab min jagħtih tagħrif malajr dwar il-bniedem li kien qiegħed ikellmu... malajr qalulu li dak kien imniġġes b'mard ikrah—li missieru kien marid ukoll—li joħroġ bil-moħbi mill-isptar.

Il-bidwi ma ddardarx u lanqas twerwer jew stagħġeb. Kien jaħsibha xort'oħra minn kif kienu jaħsbuha dawk in-nies.

Indrì ltaqa' ħafna drabi ma' dak il-bidwi tajjeb. Dan il-ħabib kien jaraħ qisu warda f'xagħra xewk. U kliemu beda jtuqu aktar mid-duwa tat-tobba. U f'kemm ili ngħidlek beda jieħu r-ruħ. Il-ħsieb li xi darba jfiq u jibagħtuh mill-isptar flok kien iferrħu kien iċajparlu ħsiebu bin-niket. Ġralu bħal dak l-għasfur li għalkemm maħluq biex jittajjar u jisseqqer hieni fil-beraħ tas-sema jibża' li jekk jeħles mill-jasar tal-qafas ma jsibx xi jnaqqar u jiekol. Kien jibża' li jekk joħroġ mill-isptar ma jsibx imqar iċekċek xi ħaġa żgħira. Min ser iħaddmu? "Għax ħaġa tal-għaġeb", kien igħid Indrì b'daħka mqanżħa: "Ix-xorti tal-morda bħal tal-ħabsin. Il-Gvern lest biex jitma' u jlibbes b'xejn lin-nies magħluqin f'ħabs jew sptar, imma meta jkunu barra jħallihom jixxejru mar-riħ". Fid-dinja min hu b'saħħtu u ħieles minn kull xkiel ftit jaħseb kemm hawn ġrieħi li jinħtieġu xi id ħanina biex iddewwihom; kemm dmugħ tinħtieġ xi id ħanina biex tixxuttah; kemm tinħtieġ id tas-Sema biex twieżen fit-telgħa qalila tal-ħajja.

Għaddew il-jiem, u l-jiem saru ġimgħat. Il-bidwi kien ilu xahar ma jiltaqa' ma' Indrì. Ha ħsiebu. Baqa' ta' kuljum joq-għod jistennieh fuq ġebla ħdejn ix-xatba tal-għalqa. Għalxejn kien jistenna. Darba mar fuqu silfu—wieħed minn dawk li jil-ħaq salib kulħadd—u dan fesfislu f'widnejh:

"Kemm wissejtek biex ma tindehisx ma' Indrì. Sabulu marda kerha wisq u tittieħed. Qegħduh taħt il-muftieħ biex żgur ma joħroġx. Għamlu sew warrbuh min-nofs". Il-bidwi ħass għafsa ta' qalb, dar lejn silfu u qallu: "Dnub qafluh. Kemm hawn nies li għandhom mard aktar ikrah. Kemm iniġġsu u joqtlu familji. Hadd ma jwarrabhom minn mas-saqajn".

Silfu baxxa rasu u baqa' sejjer għal triqtu.

# FOLKLORE TAR-RANDAN F'GHAWDEX

*Ta'* John Bezzina

(*J:ssokta. Ara "Il-Malti" ta' Marzu, 1960, p. 22-25*)

SA ftit snin ilu l-eżerċizzi fil-Bażilika ta' San Ġorġ kienu differenti minn dawk li qegħdin nisimgħu l-lum. Il-priedki tan-nisa kienu jkunu tnejn kuljum u kienu jagħmluhom predikaturi differenti. Kienu jibdew ir-raba' Ħadd ta' qabel il-Għid għal ħabta ta' xi l-4.30 p.m. Dawk ta' l-irġiel kienu jsiru fil-ġimgħa tad-Duluri u kienu jsiru wkoll żewġ priedki. Drawwa antika kienet, u għadha, dik li fid-dar tal-"Manresa", jew aħjar f'San Kalċedonju, issir ġimgħa rtir li fihom isiru wkoll l-eżerċizzi. Dan l-irtir li jsir fil-ġimgħa tad-Duluri huwa msejjaħ l-Irtir tal-Professjonisti, li għalih jiġu minn Malta għal ta' l-apposta. Fil-Katidral sa tliet snin ilu ma kinux isiru eżerċizzi spiritwali, iżda priedki tal-Kwaresimal biss. F'diversi istituti reliġjużi, u anki f'xi knisja 'l hawn u 'l hinn, il-priedki ġie li saru bit-Taljan.

F'dawn l-erbgħin jum ta' penitenza aktar minn ġranet oħra tas-sena l-poplu tagħna idorri jinvista l-*Via Sacra*. Kważi l-knejjes u l-parroċċi kollha ta' Għawdex għandhom il-*Via Sacra*. Hekk kif l-irġiel tagħna jerfgħu mix-xogħol għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija tarahom b'ħerqa kbira jinġabru l-knisja sabiex jinvistawha mal-qassis wara l-Benedizzjoni ta' filgħaxija. Għadni niftakar, kont għadni tfal sewwa, meta flimkien ma' sieħbi kont immur fil-knisja ta' San Franġisk biex hu jerfa' s-Salib u jien u xi tifel ieħor nerfgħu fanal kull naħa. Konna nimxu minn stazzjon għall-ieħor bil-poplu warajna. Ħafna kienu jinvistaw il-*Via Sacra* fil-knisja viċina. Il-Knisja ta' San Ġużepp tas-suq fir-Rabat kienet magħrufa ħafna għall-*Via Sacra*. Din il-knisja, li issa ġġarrfet, għalkemm ma kenitx għajr kappella żgħira, fil-ġranet tar-Randan kienet tilqa' ġewwa fiha poplu sħiħ li ma jaqta' xejn tul in-nofs ta' nhar ta' kull filgħaxija. Ħaġa li ma hix ta' min iħalliha hija dik li ta' spiss wara l-bieb ta' din il-knisja kont issib xi xiħ li ma kienx jaf jinvista, jistenna lil xi ħadd dieħel biex jitolbu jinvista miegħu. Din il-Knisja dan l-aħħar kienet tilfet xi ftit mill-popolarità tagħha billi fil-Bażilika ta' San Ġorġ, li tinsab fil-qrib, minn sitt snin 'il hawn tinsab *Via Sacra* ta' rħam. F'din il-Bażilika l-*Via Sacra* tiġi invistata wara l-Benedizzjoni minn wieħed qassis. Il-Katidral tagħna sa sentejn ilu kien mingħajr *Via Sacra*. *Via Sacra* żgħira tinsab issa fil-kappella tas-Salvatur ta' din il-knisja.

F'Hadd il-Palm filgħodu kmieni tibda tara ħafna tfal deħlin u ħerġin fis-sagristija tal-knejjes Dawn ikunu jistennew fuq ix-xwiek li tispiċċa l-funzjoni tal-Palm. Mat-tmiem tagħha, tibda tara ħafna tfal jittallbu l-palm sabiex jagħmlu salib. Il-palm isfar ikun ippreferit għax billi jkun artab iżjed wieħed ikun jista' jagħmel bih, mhux biss salib, iżda ċurkett ukoll. Tfal ta' sittax-il sena kont tarahom bil-mus jew xafra jibnulek salib tal-kavalieri bi tmien ponot imżejjen b'xi werqa żebbuġa wkoll. Il-kbar kont tarahom jibnu salib u jżejnuh bis-sellum, bit-tnalja, bil-martell u bl-imsiemer. Bosta minn dawn is-slaleb kienu jintrefgħu minn sena għal oħra. It-tberik taż-żebbuġ isir ukoll f'dan il-jum. L-Għawdxin jużaw dan iż-żebbuġ imbierek fil-pruwa tad-dgħajjes tagħhom sabiex jiġu mħarsa mill-għajn. Jużawh ukoll bħala *asperges* għall-ilma mbierek waqt il-mewt. Ħafna żebbuġ jinħaraq sabiex ibaħħru bih mal-glorja ta' Sibt il-Għid sabiex bissaħħa tiegħu jitbiegħdu l-ispirti ħżiena. Il-Knisja tagħmel salib kbir tal-palm u ż-żebbuġ sabiex is-sena ta' wara taħarqu u l-irmied tiegħu jidħol fil-funzjoni ta' l-ewwel Erbgħa tar-Randan. Il-Patrijiet tal-Kabuċċini jbierku ħafna żebbuġ sabiex wara l-Għid jibagħtu lill-Fra jqassam fid-djar. F'Hadd il-Palm ukoll titqiegħed fil-knisja l-istatwa ta' Kristu msallab li aħna nsibuha bħala l-*vara l-kbira*.

F'jum it-Tnejn tal-Ġimgħa l-Kbira ma tarax għajr tfal blommijiet magħhom jiġġerrew sabiex jiksbu xi żimarra, fanal, imħadda jew xi libsa tal-kavalieri. Ġuvintur u rġiel jibdew jiltaqgħu sabiex jiftiehmu f'liema statwa sejrin jerfgħu. Iż-żgħażagħ jittallbu l-forċini, filwaqt li oħrajn tarahom jitħabtu l-jum kollu sabiex jesponu fil-knisja l-kumplament ta' l-istatwi. L-istatwi tal-Kolonna u tal-Porpra jitniżżlu mill-knisja tal-Katidral b'geġwiġija tfal magħhom filwaqt li l-istatwa tad-Duluri tinġieb minn San Ġakbu għal San Ġorġ. Ix-Xagħra u n-Nadur ukoll jintramaw l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira Matul din il-ġimgħa tara kwantità ta' nies deħlin San Ġorġ jaraw l-istatwi. Nhar l-Erbgħa tat-Tniebri fil-parroċċi kollha ta' Għawdex, f'istituti u fi knejjes oħra jhejju s-Sepulkru sabiex filgħodu jittieħed hemmhekk *Ġesù Ostja*. Is-Sepulkri f'Għawdex ikunu differenti wieħed minn ieħor. Min juża fjuri bojod biss, min jarma biddamask u min b'armar ta' l-injam magħmul apposta. Il-Katidral għandu l-isbaħ Sepulkru f'Għawdex. F'dan il-jum ukoll il-Knisja tgħatti t-twieqi tal-koppla u tal-bjut, ukoll il-bibien b'xi purtieri jew biċċa inċirata sabiex b'hekk il-knisja f'dan il-jum tat-Tniebri

tkun mudlama bħala sinjal ta' vistu. Il-kagħak ta' l-Appostli li dari kienu jinħadmu fis-sqaq ta' Lippa fi Triq il-Karità kien ikun fihom x'tara tassew. Dawn kienu jkunu mżejnin bi ħlewwa u ġilġlien. Il-lum dawn il-kagħak qed ikunu mżejnin b'xi ħelu fuqhom. Dawn jittieħdu l-Katidral l-Erbgħa tat-Tniebri filgħaxija.

Il-Ħamis filgħodu wara l-funzjoni tal-knisja u wara li Ġesù Ostja kien jittieħed fis-Sepulkru kienu jibdew il-visti tas-Seba' Knejjes, jew, kif insejħulhom aħna, ix-Xirka. Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu ma tantx kont tara nies jagħmlu l-visti. Xi istituti reliġjużi biss kienu jużaw jagħmlu l-visti għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofs in-nhar, iżda wara tibda tara ġeġwiġija ta' nies qatta qatta li jibdew jagħmlu l-visti. Dawn jibqgħu sejrin sa filgħaxija. Minn knisja għall-oħra jingħad ir-Rużarju. Mal-ħamsa ta' filgħaxija tibda tara mijiet ta' nies mat-toroq tar-Rabat; ġmiegħi ta' nies wara xi fratellanza u għadd ġmielu ta' żgħażagħ u xebbiet wara s-salib ta' xi istitut. Is-soċjetajiet tal-Baned ikollhom warajhom numru sabiħ ta' partitarji. Fil-bibien tal-knejjes ma tibdiex tara għajr nies jistennew lil dawk li jkunu daħlu qabilhom sabiex joħorġu. Fl-irħula ta' Għawdex, fejn ma hemmx għajr knisja waħda jew tnejn, is-seba' visti jsiru fi knisja waħda billi joħorġu minn bieb u jidħlu minn ieħor. Hafna huma dawk in-nies ta' rħula li jingħaqdu fi gruppi u tarahom jitilqu biex jinvistaw il-knejjes ir-Rabat. Kont nieħu gost nara lill-Korp tal-Pulizija b'pass wieħed flimkien mad-Direttur Spiritwali tagħhom jinvistaw s-seba' knejjes. Meta fl-irħula ta' Għawdex għall-ħabta ta' l-1936 kien hawn ħafna *Groups* ta' li *Scouts* kont tarahom ukoll jagħmlu dawn il-visti. Haġa sabiħa ħafna kienet dik, li għadha wkoll f'xi bnadi, li jarmaw xi vetrina bil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, bid-damask iswed warajhom. Il-visti kienu jibqgħu sejrin sal-Ġimgħa filgħodu sakemm il-Knisja tneħħi s-Sepulkru. Il-Ħamis filgħodu wkoll fil-Katidral tagħna kienet issir il-funzjoni li aħna nsibuha bħala tal-Ħasil tas-saqajn ta' l-Appostli, funzjoni li tqanqal kurżità kbira speċjalment fost it-tfal. Din il-funzjoni l-lum issir il-Ħamis filgħaxija. Haġ'oħra li sa ftit żmien ilu kienet issir il-Ħamis filgħodu wkoll hija dik li malli ddoqq il-glorja, il-qniepen kienu jintrabtu u ma jdoqqux qabel il-glorja tas-Sibt filgħodu. Iċ-Ċuqlajta tul dawn il-jumejn kienet tieħu l-post tal-qniepen u kienet hi li tħabbar l-Angelus, il-Ħdax u ta' l-Imwiet filgħaxija. Wara l-Glorja tal-Ħamis filgħodu bosta kienu dawk li jagħlqu biebha waħda b'sinjal ta' vistu. Filgħaxija ħadd ma kien jaħdem. It-*talkies* ma jaħ-

dmux sa l-Għid b'sinjal ta' vistu. Il-Ħamis filgħaxija wkoll f'dawn l-aħħar snin kienet issir il-Mejda ta' l-Appostli li kien ikun fiha tassew biex wieħed jitgħaxxaq. Kienet xena sabiħa tara lit-tfal żgħar libsin ta' Appostli u mdawrin mal-mejda. Il-Ħamis filgħaxija kien jagħlaq bl-*Ora Santa*.

Il-jum tal-Ġimgħa l-Kbira kien u għadu l-akbar jum ta' penitenza. Il-bibien magħluqa, il-faxxi suwed mal-bibien tal-ħwienet, l-ilbies ta' ingravati suwed, il-libsa sewda fuq iż-żgħażagħ u x-xebbiet tagħna; baħħ tat-toroq ikabbru n-niket ta' dik il-ġurnata. F'dan il-jum is-sawma kienet tkun iebsa, ħobż u ilma biss jew xejn sat-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Dawk li jpejpu f'dan il-jum kienu jagħmlu l-akbar sagrifiċċju billi ma jpejpux u l-flus li kienu jonfqu għas-sigaretti dak in-nhar jagħtuhom lill-fqar. Id-deżerta ta' ħelu jew inbid dak in-nhar ħafna nies igħaddu mingħajrha. Sat-tfal iż-żgħar kienu jġagħluhom isumu fil-Ġimgħa l-Kbira dejjem bil-ħsieb li fl-Għid il-Bambin iġibilhom il-figolli. Qabel ma jitneħħa s-Sepulkru, il-Ġimgħa filgħodu kienet issir funzjoni li fiha kien isir il-bews tas-salib. F'din l-funzjoni mijiet ta' tfal u nies kienu jinżlu għarkobbtejhom fuq tapit matul il-knisja kollha sabiex ibusu s-salib. Wara l-bews tas-Salib ħafna minn dawk li kienu jkunu fil-knisja kienu jmorru jgħinu fiż-żarmar tas-Sepulkru sabiex jakkwistaw il-fjuri li jkun hemm u bihom iżejnu l-istatwi, kulħadd bl-imħatra min ikollu l-isbaħ statwa. Minn ftit tas-snin 'l hawn qalb il-fjuri ta' madwar l-istatwi qiegħed jitpoġġew lampi żgħar jixegħlu bil-batterija. Xi nisa wkoll jersqu lejn is-Sepulkru bil-ħsieb li jakkwistaw xi fjura u jżommuha b'devozzjoni.

Ħafna huma dawk iż-żgħażagħ li jmorru sabiex jiddubbaw il-fjuri mid-djar privati. Sal-11 ta' filgħodu l-istatwi kollha jkunu mżejnin kif imiss. Sa tliet snin ilu, qabel ma jibdew il-priedki tat-tliet sigħat tas-Seba' Kelmiet, l-istatwa l-kbira kienet titqiegħed fuq il-presbiterju. Is-Seba' Kelmiet kienu jitqassmu jew waħda waħda jew tnejn tnejn u fl-aħħar il-predikatur jagħmel tliet kelmiet flimkien. Wara li jispiċċaw il-priedki tat-Tliet Kelmiet, l-Istatwa l-Kbira kienet titniżżel u flokha jitpoġġa l-monument. Minn x'ħin il-predikatur jinżel mill-priedka tas-Seba' Kelmiet sal-ħruġ tal-purċissjoni tara moviment kbir ta' tfal min biż-żimarra u min bil-fanal. Użanza, antika qatigħ, hija dik li fil-purċissjoni xi fratelli b'wegħda jiġbdu l-ktajjen warajhom bħala penitenza. Dawn ikollhom barnuż f'wiċċhom b'żewġ toqbiet sabiex jaraw jimxu. Żewġt irġiel jimxu quddiem

l-Istatwa ta' l-Orazzjoni fl-Ort, wieħed bis-suffara u l-ieħor bil-katuba. Quddiem l-Imgħobbi kull kantuniera, kien jindaqq il-*bugle*. Sa ftit żmien ilu f'din il-purċissjoni kienu jieħdu sehem b'marċi funebri l-Baned tar-Rabat. Waħda minn dawn il-Baned kienet tkun dik li ma tkunx daqqet fil-purċissjoni tad-Duluri dik is-sena. Il-konkors tal-fratelli u tfal biż-żimarra huwa kbir biżżejjed. Il-poplu jikkonkorri bi ħġaru minn kull rokna ta' Għawdex. Minn 22 sena 'l hawn Mons. Giov. Grech daħħal l-użu tal-kavalieri fil-purċissjoni.

Użanza oħra antika hija dik li meta jkunu deħlin l-istatwi fil-knisja għadd ġmielu ta' żgħażagħ kienu, minn quddiem, l-istatwi jaqilgħu x-xemgħa li jkun baqa'. Kull statwa li kienet tidħol mill-bieb 'il ġewwa ma titpoġġiex fuq il-bradella, iżda jibqgħu telgħin biha fuq. Il-bradelli kienu jkunu diġà żarmati. L-istatwa tad-Duluri biss li ma tidħolx fil-knisja bħall-istatwi l-oħra. Dina titwassal sa wara l-bieb tal-Knisja ta' San Ġorġ u mbagħad tittieħed lura lejn il-knisja tagħha ta' San Ġakbu akkumpanjata mill-kavalieri u mill-banda. Hekk kif tispiċċa l-purċissjoni, il-Knisja ta' San Ġorġ tagħlaq u min kien jidħol nofs siegħa biss wara kien jinduna li l-istatwi kollha jkunu żarmati. u diġà lura f'posthom għal sena sħiħa. Id-damask iswed ikun tneħħa u floku jkun hemm l-aħmar. Dan kien isir hekk malajr għax kienu jaħsbu minn qabel sabiex ipoġġu d-damask aħmar taħt l-iswed.

Malli jisbaħ Sibt il-Għid, in-nisa jlestu ż-żebbuġ sabiex hekk kif idoqq il-Glorja kulħadd jibda jbaħħar sabiex id-djar jissaffew mill-ispirti ħżiena. Użanza sabiħa kienet dik li hekk kif iddoqq il-Glorja xi nisa li jkollhom tfal waslu biex jimxu jippruvaw imexxuhom. Mal-Glorja jinkixfu l-kwadri, jinfetħu l-bibien u jispiċċa l-vistu. L-Arċipriet joħroġ ibierek l-ewwel dar f'Numru 9, Triq Mons. Farrugia, residenza ta' l-ewwel Isqof ta' Għawdex, il-lum dar tal-mejjet Mons. Giuseppe Farrugia. Ma' nofs in-nhar, is-sawm kien jispiċċa. Tal-ħwienet tal-ħelu jperrċu l-figolli, il-bajd u kwareżimali. Tal-laħam idendel mal-koxxa tal-bieb l-akbar majjal li jkun semmen għal sena sħiħa. Dan kien ikollu f'ħalqu żewġt ikrafes, sinjal li issa r-Randan spiċċa u jiswa l-laħam. Il-qniepen jibdew idoqqu ferħana. Issir mixegħla ġenerali. Il-Ħadd mas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu kien joħroġ wieħed idoqq qanpiena biex iqajjem in-nies. Mat-tlieta ta' filgħodu, hekk kif iddoqq il-glorja, joħorġu bl-istatwa ta' l-Irxoxt. Din l-użanza ilha li spiċċat xi 58 sena. L-istatwa ta' l-Irxoxt

kienu joħorġu biha minn San Ġorġ b'ħafna nies imdawrin miegħu u jduru r-Rabat għalkemm-il darba bih. Mal-Glorja jispara l-Kastell, toħroġ il-Quddiesa u jibda t-Tqarbin. F'din il-ġurnata ħafna nies jagħmlu l-preċett. Malli jisbaħ, għall-ħabta tas-sebgħa l-irġiel joħorġu biex jiltaqgħu mal-ħbieb u jagħtuhom il-Għid it-Tajjeb. In-nisa, mill-banda l-oħra, kollha bl-imħatra min jieħu l-isbaħ turtiera qassatat il-forn. F'xi rħula ta' Għawdex jużaw jagħmlu l-kagħak tal-għasel ukoll. Il-Għid jispiċċa bid-daqq tal-qniepen u jħalli warajh tifkira li ma tmut qatt: ir-Rebħa ta' Kristu fuq il-Mewt.

---

# KRONAKA TAL-GHAQDA

## ŻEWĠ MEMBRI TAL-GHAQDA REBBIEHA F'KONKORS TEATRALI

**Inħabbru bi pjaċir li s-Sur Ġużè Diacono u s-Sur Ġużè Chetcuti, żewġ membri tal-Għaqda, rebħu, l-ewwel wieħed it-tieni premju u t-tieni, it-tielet premju f'konkors ta' produzzjonijiet drammatiċi tat-Teatru Manoel; is-Sur Diacono bid-dramma "L-Ewwel Jien" u s-Sur Chetcuti bil-kummiedja soċjali "Il-Kerrejja". F'dan l-istess konkors is-Sur Chetcuti ssemma wkoll bħala l-ħames wieħed fost l-aħjar bid-dramm tiegħu "Via Crucis". Is-Sur Diacono, barra milli kittieb ta' proża narrativa u kritiku letterarju, huwa magħruf ukoll, u l-iktar, bħala kittieb drammatiku, kif uriena fl-ewwel xogħlijiet tiegħu tat-tliet atti uniċi "Salib Haddieħor", "L-Għarusa" u "Ir-Raġel li Kienet Tħobb", fejn wera xeħta ġdida ta' realiżmu artistiku għall-Palk Malti. F'"Salib Haddieħor", f'konkors ieħor, Diacono kien sebaq lil sħabu f'dik li hi arti teknika ġdida. Is-Sur Chetcuti, għalkemm l-iktar imsemmi bħala kittieb ta' versi liriċi mexxejja u ħelwin, kif ukoll dan l-aħħar ta' xi rumanzi u traduzzjonijiet ta' versi u proża mit-Taljan għall-Malti, jidher illi l-pinna tiegħu bdiet ukoll tingħażel fost oħrajn għall-produzzjonijiet drammatiċi, li tagħhom, huwa għandu ħażna ġmielha ta' xogħlijiet li għadhom manuskritti.**

**Għandna pjaċir inħabbru wkoll li żewġ membri oħra tagħna kisbu aktar minn 75 fil-mija tal-punti fl-istess konkors. Dawn huma s-Sur Joseph Vella Bondin bi "Imħabba qalb il-Qasab" u s-Sur Ċino Muscat Azzopardi bi "Il-Mera".**

**Lil dawn il-membri tagħna nifirħulhom bil-qalb kollha bit-tama li dina r-rebħa tagħhom fil-kamp tal-letteratura drammatika twassalhom biex bil-pinna għammiela tagħhom jiksbu isem sabiħ f'xogħlijiet oħra li bihom nittamaw li l-Palk Malti jibqa' dejjem iżid fil-progress u ġieh ta' l-Arti Drammatika.**

# QRIB IL-PORT

*Ta'* Patri Valent V. Barbara, O.P.

Il-bieraħ, meta rajtek b'wiċċek sfajjar
fl-uġigħ li qed jifnik irqiq irqiq,
u rajt l-istar fuq rasek qed jittajjar
bħal ruħ li trid tintrefa' mill-għammieq

ta' dan il-wied tad-dmugħ, qalbi ħebritni
li se tkun l-aħħar darba li ltqajt miegħek;
u f'sidri diqa ta' bla tarf għafsitni,
u xtaqt li ruħi tidħol fir-ruħ tiegħek

biex lejn is-sema t-tnejn flimkien nittajru,
żewġt erwieħ safja, ħielsa minn ġisimna,
fi triq l-eternità, nofroq l-ajru,
b'inkejja ta' min fl-art ma riedx jifhimna.

Jaħasra, naf: jeħtieġ dit-triq timxiha
waħdek għalissa; qawwi qalbek, mur
bis-sliema lejn il-port: dalwaqt is-siegħa
li ruħek bl-għaxqa t'Alla tibda tfur;

għax naf li f'sidrek tħabbat qalb bla ħjiena,
għalkemm pinġewk b'ilwien l-aktar mudlama,
u naf li 'l ruħek, kif għallimtek jiena,
għanejtha bid-deh'b fin ta' l-eqdes Tama.

U meta tkun hemm fuq, Teżor, stennieni:
oh! għad niltaqgħu, ħi, ma tafx kemm kmieni!

Għax anki jiena ħajti qed titqassar
mill-ġerħa li l-ġewwieni qiegħda tħassar.

---

NOTA TA' L-EDITUR: Xtaqna ngħaqqdu din il-poeżija ma' seħbitha li dehret fin-Nru. ta' Marzu, 1961, bħalma xtaq l-A., iżda kellna nħalluha għal dan in-Nru. minħabba nuqqas ta' wisa'.

# FWIEHET IL-WARD

*Ta'* JOE VELLA BONDIN

MILL-BOGHOD, mitfija, qishom titjir ta' għasafar imlewna, smajt il-moti dehbija ta' 'arloġġ idoqqu nofs il-lejl.

Tqallibt fuq is-sodda, iebsa ħatba, u ttawwalt 'il barra. Dwal dgħajfa xegħlu f'dellijiet sfumati l-kuritur twil, qisu bla tmiem. Uċuħ ta' erwieħ mitlufa, flien bla sabar, staħbew wara l-bożoż kotrana, u ġrew bla ħsejjes biex jistaħbew wara l-bibien. Issammajt fil-ħemda rieqda tal-lejl, xewqan li nikxef minnhom x'kien qiegħed jiġri fin-naħiet ta' l-isptar li ma stajtx nara.

Xtaqt norqod, imma n-ngħas kien 'il bogħod minni.

Imbagħad intbaħt li f'kamarti kelli 'l xi ħadd. Smajt issiġġu biswit soddti jiżżegleg bit-toqol tal-bniedem li kelli ħdejja. Tbissimt. Qatt ma kienu jħalluni waħdi.

Għalaqt għajnejja, nagħmilha tar-rieqda, u l-ħin għadda fiċċaqliq bla hedu ta' dak ta' ħdejja. Għandu mnejn li rqadt xi waqtiet, ma nafx, iżda ċ-ċaqliq dejjem smajtu, u dejjem ridt nisimgħu. Qatt ma kienu jħalluni waħdi, u drajt bihom ħdejja.

Bexxaqt għajnejja ħarira. Ittawwalt lejn dak ta' ħdejja. Kien ċappa dlam qalb id-dellijiet. Għal darb'oħra smajtu jiċċaqlaq.

Ma stajtx norqod.

Imbagħad l-ewwel xquq dgħajfa ta' żerniq feġġew ħiemda sa ma dawlu dellijiet kamarti. Kont qtajt qalbi għal kollox li norqod u nistrieħ. Nifsi ħassejtu tqil u sħun ġo sidri. Lejl ieħor mingħajr irqad, ħsibt, imdejqa.

Iżda fuq ġbini mixgħul b'thewdin ħassejt l-id bierda talbniedem ta' maġenbi. Ħabta u sabta, sliem hieni fawwarli qalbi. U għalaqt għajnejja tqal.

''Orqod'', smajt bħal tfesfisa f'qalbi. ''Orqod u strieħ, xbejba''.

U rqadt.

Meta stenbaħt, it-tabib, qasir u żagħżugħ, kien ħdejja, jitbaxxa għal fuqi, għajnejh minn ġol-lentijiet tan-nuċċali, kbar, ileqqu u daħkana. Tbissimli, u tbissimtlu.

''Qomt'', qalli. ''Irqadt xejn?''

''Iva'', weġibtu. Tmattart wara l-kefen ta' idi. ''Ilek ħdejja?''

Messli moħħi b'subgħajh rotob. ''Ma tantx—Għaliex?''

Wara rasi, it-tieqa kienet miftuħa. Fwieħet il-ward talġnien imlietli mnifsejja. ''Kemm ifuħu l-fjuri!'' għidtlu.

Tifkira ddeffset qalb il-fwieħa. "Lilek biss irrid ħdejja, tabib". U ċanfartu li l-jum ta' qabel, wara nżul ix-xemx, ma kienx ġie jżurni. Kien ġie t-tabib ix-xiħ, b'ħuġbejh sfiqa u idejh xierfa. "Lilek biss irridek tiġi żżurni. Meta tiġi l-fjuri tal-ġnien ikattru fweħithom". Imbagħad biex żgur inġagħlu jiġi dejjem hu, qbadt nibki u nixher. Id-dmugħ iġġelben ma' ħaddejja u nifidli minn bejn xofftejja. Ħassejtu qares ma' saqaf ħalqi, togħmtu ħażin daqs il-morr. Ridt inkompli nibki, inħobb nibki, imma hu mesaħli d-dmugħ b'idejh torja u ħanina u wegħedni li dejjem jibda jiġi hu.

Tbissimtlu ferħana. Imbagħad kont sejra ngħidlu fuq iż-żjara li kelli bil-lejl, minn ma nafx min. Iżda f'daqqa waħda dawl għammiexi leħħ f'moħħi. Intbaht min kien dak li kien raqqadni u fawwarli qalbi bis-sliema. Kelli seba' mitt sena li nisfa waħdi. Kliem it-tabib dejjaqni. Idejh saru rotob bl-irtubija moqżieża ta' bugħarwien.

"Itlaq, itlaq", fesfistlu. "Itlaq biex mill-ġdid jiġi l-maħbub tiegħi".

Sa fl-aħħar telaq, b'daħka mqanżħa.

Sfajt waħdi.

Mingħajr ma nitħarrek, għajnejja biss jitħarrku, stħarriġt madwari. Kien ġieni l-ewwel darba fi skiet il-lejl; mela ried il-kwiet. Snieni ddarsu bir-rabja kull meta ħoss barrani kiser skiet kamarti u biegħdu minni. Il-fjuri, jittawlu seksieka mit-tieqa ta' warajja, kattru lewnhom. Il-ward bellusi tbiddel f'aħmar dagħmi ta' mħabba. Il-ġisimin, delikat daqs in-nida, ibajjad bħaż-żogħżija, rema fewġiet ta' fwieħa tal-ġenna. Il-qronfol daħak qalb il-ward sfiq.

"Ersaq lejja, maħbub tiegħi" tlabtu bil-ħniena. "Ersaq lejja bħalma jersaq iż-żerniq ta' filgħodu, u bħalma jersaq il-mewġ sajfi fuq il-plajja".

U sa fl-aħħar deher, għaddej isaltan minn qalb il-fjuri. Qabeż ħafif it-tieqa u ġera għal ħdejja.

"Sa fl-aħħar", għannieli f'widnejja. "Sa fl-aħħar, għażiża". U biesni.

Ilwien il-qawsalla, għammiexa, ġawhrija, infirxu fuq rasu, twaħħlu ma' tiegħi, xterdu sa rifsu l-fjuri jitbandlu fit-tieqa. Għalaqt għajnejja. Kollox kien sieket ħlief il-melodija ta' kwiekeb irżina. L-hena li ġarrabt xtaqtha tibqa' miegħi għal dejjem, għal dejjem, għal dejjem.

"Maħbub", għidtlu mħawda, "huwa ħażin li xebba tħobb daqskemm inħobbok?"

Ħfintlu l-pala ta' idejh. Għafasthielu u qegħedtha fuq ġbini. Qalbi weġġħetni b'hena li bilkemm felħet. Għidtlu li nħobbu, li aħjar immut mingħajru, li l-mewt teħlisni mill-barr ta' ħajja mċaħħda minnu.

"Imma tgħid huwa ħażin", staqsejtu għal darb'oħra, "li nħobbok daqskemm inħobbok? — Il-misteru ta' l-imħabba huwa akbar mill-misteru tal-mewt".

Waqgħet sikta f'kamarti. Għassist ħosbiena roqgħa ta' xemx titkaxkar qisha dudu sfajjar fuq il-ħajt bajdani. Ir-riħa tal-ward nefħet u żdiedet. Kemm inħobbhom il-ward! Huma l-ħajja għalija, u l-maħbub tiegħi l-ħajja nfisha.

"Le", għidtlu, "mhuwiex ħażin, ma jistax ikun ħażin, li nħobbok daqskemm inħobbok".

Għasfur beda jgħanni fil-ġnien. It-tpespis tiegħu jdamdam ġo widnejja deherli mnikket. Bħal sħaba sewda qagħdet fuq sidri. Tifkira mbiegħda, ħolma, ħmar il-lejl, ikraħ daqs farfett il-lejl, iddeffes ġo ħsiebi. Stħajt minni nnifsi, għafast għajnejja b'għadam sebgħi l-kbir. Dort fuqu.

"Dell f'moħħi, maħbub tiegħi", għidtlu "ħolma bla seħħ, ħmar il-lejl ikraħ daqs farfett il-lejl li jgagħalni nhewden li qtiltek. Li qtiltek għax inħobbok. Għax aħjar narak mejjet u żgura minn imħabbtek. Li qtiltek fl-għabex ta' bejn il-jum u l-lejl, f'kamarti ta' barra".

F'telfa, dort fuqu u fehemt lili nnifsi li l-maħbub tiegħi ħaj ħdejja, jidħakli, is-siġġu jiżżegleg bla hedu b'toqlu.

Infexxejt nidħak għax kien jinsab ħdejja, imissli bil-ħlewwa ġbini musfar.

"Ħaj inti" għannejtlu f'dagħdigħa ta' mħabba, "ħaj, u ħdejja, mhux mejjet bħal f'tifkirieti, maqtul minni għax inħobbok".

Fewġa nefħet ħelu ħelu, u l-ward jittawlu mit-tieqa jiżfnu fuq zkukhom, jidħku mad-daħk tiegħi. Iżda mill-kuritur ta' barra, f'mewġiet joqorbu u jitbiegħdu, instemgħu passi meqjusa. Ħanini telaqni. Ħarab minn ħdejja, qabeż mit-tieqa, staħba qalb il-fjuri.

Daħlet soru u daħkitli. Ħassejtni mnikkta, imnikkta, imnikta. Soddti tbiddlet f'ġebel niggieżi.

"Kemm sejra ndum hawn, soru?"

"Sakemm tfiq. M'għandekx iddum ħafna issa. Il-kura għamlitlek tajjeb".

"Le, le, soru. Issa rrid inqum, issa. Irrid ningħaqad malmaħbub tiegħi qalb il-fjurij itbahardu fit-tieqa. Għinni biex inqum, soru".

"X'sejra tagħmel, binti? Iċ-ċaqliq jagħmillek ħażin".

Għaġġlet ħdejja biex iżżommni. Saħħa-barranija ġriet f'idi. Użajtha u qomt. Dort biex infittex qalb il-fjuri, rasi tqila blat. It-tieqa ta' warajja kienet magħluqa, imbarrata. Xi ħaġa faqqgħet f'moħħi.

Ir-realtà tal-ħajja sabbtitni u sawtitni. Infexxejt nibki, nibki, balal u ġebel f'gerżumti. Inxħett fi ħdan is-soru. "Ma rridx ir-realtà tal-ħajja", xhert nifsi maqtugħ, "ma rridhiex. Il-ħajja iebsa wisq u kiefra. Aħjar immut, aħjar nibqa' miġnuna. Fil-ħajja jerġa' jibdilni. Ma rridx ir-realtà tal-ħajja".

---

## ULIED IR-RABA' T'GHAWDEX

(Fl-Okkażjoni tal-Ftuħ Uffiċjali taċ-Ċentru Tagħhom)

*Ta'* MONS. ANTON GAUCI

*Labor vincit omnia*

Din hi l-ħajja tagħkom, bdiewa t'Għawdex;
Dan huwa ġidkom, twajba ħbieb raħħala:
Dal-ġebel tagħkom u dil-makna kbira
Li f'art twelidna qatt ma rajna bħalha.

Meta bil-qilla tagħha x-xemx tkun tisreġ
Fuqkom u fuq il-bhejjem ġwejda tagħkom,
Agħmlu kuraġġ: 'l hawn ħarsu u ftakru dejjem
Li din id-dar għad tilqa' frott dirgħajkom.

Kunu f'ħidmitkom bieżla u jgħinkom Alla,
Jibgħat l-ilmiet mis-Sema u l-art isebbaħ
Bi ħdura u frott li qalbkom b'kull ferħ jimla
Meta tiftakru f'xogħ'lkom li jkun rebaħ.

Issa m'għadkomx minsija: hawn min jaħseb
Fikom u fl-għaraq nieżel donnu dmija
Magħsur minn wiċċkom b'id li ma tafx ħniena —
Id il-faqar u l-bżonn, id it-tbatija.

'L hawn dejjem iġru: din id-dwejra tagħkom.
Jekk hija tikber, intom tikbru magħha.
Hi trid terfagħkom, tieħu dejjem ħsiebkom,
Għax il-ġid tagħkom l-ewwel xewqa tagħha.

## IN MEMORIAM

# FREDDIE BUHAGIAR

*Ta'* A.Z.

META nhar it-Tlieta, it-30 ta' Jannar, ġriet l-aħbar li Freddie Buhagiar miet, li Freddie Buhagiar, il-President ta' l-M.U.T. kien miet għalgħarrieda, waħdu, fl-uffiċċju tal-*Malta Union of Teachers*, Malta kollha nħasdet, u għall-ewwel ma ridetx temmen aħbar hekk kiefra—u riedet taħseb li kien xi ħass ħażin ikreh, li kien xi F.B. ieħor. Iva, Malta nħasdet għax ma xtaqetx tisma' aħbar hekk ta' ħsara u li qatt ma kienet tistenna; u meta kienet żgura mill-aħbar, Malta stmerritha għax għarfet minnufih x'kienet tilfet u x'baħħ kien ħalla warajh il-minġel kiefer tal-mewt.

Hawn min kien ta' ġewwa ma' F.B. wisq iktar minni: hawn min kien jafu daqsi; u hawn oħrajn li ftit li xejn kienu jafuh personalment; imma lkoll konna ta' fehma waħda: Il-mewt kienet serqet raġel u Malta kienet ħarġet telliefa. Għax F.B. kien raġel, raġel li qatt ma miel ħlief quddiem Alla u l-imħabba għal għajru. Min jaf kemm-il darba smajtu jgħid: "Dak, dawk bla qalb; dak, dawk ma jafux iħossu; dak, dawk ma jafux x'inhu l-ħaqq; dak, dawk ma jqisux lil kulħadd b'xiber wieħed"; u kien jisbel għal dak, dawk, u jara x'jagħmel sabiex fl-aħħar jirbħu l-Haqq, is-Sewwa u l-Hniena. Kien jaqbeż għall-jeddijiet ta' sħabu, imma kien irid li sħabu jagħmlu s-sehem tagħhom kollu (bħalma kien jagħmel hu) u kien jeħodha kontra dawk li jiskartaw ix-xogħol jew li ma jagħmluhx tajjeb; kontra dawk li neqsin mill-imħabba u l-ħeġġa.

Bla ebda dubju huwa għandu sehem kbir mill-mertu li l-Għaqda, li għal tnax-il sena sħaħ mexxa 'l quddiem, mhix ġemgħa ta' nies li l-għan tagħhom waħdani hu li jiksbu jeddijiethom u li jtejbu l-qagħda tagħhom, iżda qabel xejn xirka ta' nies li l-ewwel ħsieb tagħhom hu li jkunu ħaddiema qaddisa, għorrief fil-qasam tagħhom u mħarrġa fl-arti tat-tagħlim sabiex ix-xogħol isir tajjeb u kif xieraq u Alla jieħu minn għandhom irġiel u nisa skond il-Qalb t'Ibnu Ġesù u Malta tagħna wlied li bihom tista' tiftaħar.

Freddie Buhagiar, Kavalier ta' l-Ideal, ma siletx ix-xabla biex iħares xorta waħda biss ta' nies—sħabu fit-tagħlim tat-tfal—iżda silitha biex jiġġieled għal kollha kemm huma l-ħaddiema tal-moħħ u tal-pinna li jbigħu xogħolhom lill-Gvern. It-

telfa tiegħu, għalhekk, kienet tfisser li bosta mijiet ta' nies sabu rwieħhom f'daqqa waħda mċaħħda mis-sejf u t-tarka li kienu jħarsuhom. U tnikktu u sewdu qalbhom għat-telfa li ġarrbu.

Tilef ukoll difensur l-Ilsien Malti; għaliex Freddie Buhagiar kien jifhem u jaf x'jiswa t-tagħlim ta' lsienna fl-Iskejjel tal-Gvern, x'arma qawwija hu l-Ilsien Malti f'idejn dawk il-bosta ċittadini Maltin li sehemhom fil-ħajja hu x-xogħol ta' l-idejn minn kmieni u mhux il-privileġġ li jissoktaw fit-tagħlim/sakemm jaslu fuq l-għatba ta' l-irġulija meta jibdew jaħdmu aktar bil-moħħ milli bl-id.

Malta kollha bkietu lil Freddie Buhagiar għaliex Malta kollha kienet tħobbu. U din l-imħabba hi wrietha fil-funeral li sarlu meta, minkejja t-temp li kien jhedded tempesta qalila, mijiet kbar ta' nisa u rġiel, minn kull naħa tal-Gżejjer tagħna, marru l-Furjana u wara wassluh saċ-Ċimiteru ta' l-Addolorata biex jagħtuh l-aħħar tislima; u hemmhekk huma qasmu qalbhom u bkewh; bkewh fil-beraħ bla ma stħaw jimsħu d-dmugħ li kien iġelben fuq ħaddejhom.

Faraġ wieħed għandna li jtaffi ħasra ta' telfa bħal din. Freddie Buhagiar kien nisrani tajjeb, raġel ta' prinċipji sodi li ma kienx jaħmel il-makkjavelliżmu li jaf jadatta ruħu għal kull sitwazzjoni u b'wiċċ sfiq jiġġustifika għemilu bħallikieku dak hu nisel ta' qalb sinċiera li tobdi dejjem għas-sejħa tad-dmir. Kien devot kbir ta' San Domenico Savio li ta' kuljum kien jitlob biex iħares is-safa tiegħu u tat-tfal fdati f'idejh. Bniedem bħal dan, malli għalaq għajnejh għal din il-ħajja, żgur ittajjar fi ħdan il-Mulej biex jieħu l-premju għal dak li meta kien għadu fid-dinja għamel f'ġieh is-Sewwa, f'ġieh Alla li ħalqu u Ibnu li fdieh. Dan hu l-faraġ tagħna; dan hu l-faraġ li noffru lill-imsejkna ommu, lil ħutu, qrabatu u ħbiebu; dan hu l-faraġ li noffru lill-għalliema u lill-alljevi tagħhom li hu tant kien igħożż u lil dawk kollha li tagħhom Freddie Buhagiar kien iħares l-interessi professjonali u soċjali fil-Kunsill u l-Kumitati Governativi li fihom kellu sehem l-aktar attiv u qalbieni.

# REĊENSJONIJIET

**IRMIED**—Poeżiji ta' Giovanni Curmi—Traduzzjoni ta' Ġużè Chetcuti.—Union Press. 1961.

It-traduzzjoni bil-Malti tal-poeżiji tal-poeta Dr. Giovanni Curmi taħt l-isem ta' *Ċenere*, fost traduzzjonijiet oħra bil-Malti ta' xi xogħlijiet oħra ta' Dr. Curmi mill-istess traduttur, inqisha bħala waħda mix-xogħlijiet ta' reqqa teknika għall-għamla tal-komposizzjoni u forma letterarja tat-test oriġinali.

Bħal f'xi xogħlijiet awtobijografiċi ta' l-aħħar mill-pinna ta' l-istess poeta Curmi, nieħdu l-*Epistolario Romantico* tiegħu, il-poeżiji *Ċenere*, bla ebda tiżjin żejjed ta' rettorika, huma fotografija sinċiera ta' episodji mill-ħajja, b'xi kwadri tan-natura u bi lwien imżewqa ta' ġrajjiet bis-sbuħija u kruha tagħhom, li minnhom fl-aħħar żewġ versi il-poeta jagħlaq u jgħaqqad bi xbiħat ta' idejiet astratti l-iktar milqutin fil-filosofija poetika tagħhom.

Għalkemm il-versi ta' Giovanni Curmi f'din il-pubblikazzjoni fl-istil poetiku tagħhom huma ta' forma l-iktar sempliċi b'espressjonijiet li jinfirdu mid-dixxiplina tal-klassiċiżmu tas-Seklu li għadda, b'versifikazzjoni, biex ingħid hekk ftit u xejn ametrika u prożażtika, mingħajr it-twegħir tal-ermetiżmu tal-poeti tal-lum, għat-traduttur ma kenitx ħaġa hekk ħafifa li tfisser, għalkemm b'metru liberu, kull espressjoni realistika, sew għal dak li hu ħsieb kemm għal dak li hu kliem, bil-għodod tal-vokabularju ġdid Malti.

Jidher, madankollu li b'riħet il-għodod tas-sengħa tiegħu, it-traduttur għaraf f'kull vers jagħtina tifsira tajba u effettiva ta' kull immaġinazzjoni u sentiment.

Fit-traduzzjoni lanqas mhi ħaġa ħafifa li l-ħsieb ta' kull vers tfissru bl-istess qies ta' kliem, u għalhekk il-bżonn ta' xi twessigħ bi frażijiet oħra li jixxiebhu fis-sens ta' l-espressjoni, u l-varjazzjoni fil-metru tal-vers. It-traduttur ma naqasx, madankollu, li kemm jista' jkun jippersonifika f'moħħu u joħroġ mill-pinna kull ħsieb u jfissru b'dik l-espressjoni, qasira jew twila, bi kliem li jagħtu sewwa, jew l-eqreb ħjiel ta' fantażija u immaġinazzjoni tal-poeta bla ma jnaqqas xejn mis-sens u mill-effett.

F'ras xi poeżija naraw li fejn deherlu t-traduttur ħa l-libertà li jbiddel l-isem jew xi kelma, li kif ħaseb, ma setgħux forsi joqogħdu tajjeb bil-Malti, jew għaliex il-kelma Maltija ma setgħetx taqdih għal kollox.

Bħala mera ta' dak li fissirt 'l hinn u 'l hawn wieħed jista' jislet xi versi fejn fl-istess ħin tidher ir-reqqa fis-sengħa tat-traduttur.

Versi mexxejja u mfissrin tajjeb huma dawn li ġejjin: Minn "Ix-Xtajta Żmien Ilu" *(La Spiaggia d'Allora)*:

*Il-lum jien, tabilħaqq,*
*ġebel aktar ma nitfax,*
*ċrieki fl-ilma ma nagħmilx*
*u minn ġo moħħi ħarġet it-tifkira*
*tiegħek titbissem hienja.*
*Fil-moħħ tiegħi għajjien u kollu mdejjaq*

*bħal qtajja' kbar t'għasafar suwed,*
*il-lum jien nisma' biss għaddejja*
*kotra ta' ħsibijiet waħxija.*

Fil-poeżija, "Il-Bejjiegħa tal-Fjuri fi Piazza di Spagna" *(La Fioraia di Piazza di Spagna)*, insibu deskrizzjonijiet espressivi u djalogi naturali, għalkemm xi kelma 'l hawn u 'l hinn ma tweġibx għalkollox mat-test, ħtija tar-ritmu, iżda bla nuqqas fl-effett tekniku tal-versi:

*"Ara, sinjur, ma tixtrihomx dal-fjuri?"*
*qaltli hi u titbissem tfajla bejjiegħa*
*fi pjazza ġewwa Ruma......*
*Harist lejn dik it-tfajla, kienet sbejħa,*
*fl-aħjar minn ta' żgħużitha, u star ta' dwejjaq*
*kien jinfirex f'għajnejha u fuq xufftejha*

........................................................

*"Jiena, jaħasra, vjaġġatur imsejken,*
*u 'l min nagħti dal-fjuri m'għandix",*
*weġibtha, u ħarist lejn dawk il-fjuri ,*
*lejn wiċċha sfajjar, iżjed mill-ward sabiħ,*

........................................................

*"Lil ħadd?—Tassew int, mela mdejjaq!—qaltli,*
*imm'ixtrihom, u qegħidhom fuq l-artal*
*ġewwa xi knisja, f'riġel il-Madonna.*
*Knejjes issib kemm trid hawnhekk ġo Ruma".*
*"Ma nissugrax, għax jiena midneb kbir!"*
*Għidtilha, u bqajt hemmhekk bla ma niċċaqlaq*
*quddiem dawk iż-żewġ isħra ta' sbuħija:*
*tal-fjuri sbieħ u l-wiċċ hekk ħelu u sfajjar.*

Fost il-poeżiji l-oħra, fejn it-traduttur wera l-iktar sengħa ta' teknika tajba fit-traduzzjoni, nistgħu nsemmu: *Helsien* (Libertà); *Dik is-siegħa* (Quell'Ora) u *Irmied* li bħala traduzzjoni hija l-aħjar waħda.

Fl-aħħarnett inġibu din il-poeżija sħiħa ta' tliet kwartini, li għalkemm tagħmel sehem mis-sensiela ta' poeżiji *Cenere*, hija b'ritmu u metru uniformi, u fiha l-pinna ħafifa tat-traduttur, poeta liriku, sabet l-art iżjed watja u timxi tajjeb ħafna:

*Tieqa* (Una Certa Finestra)

*Kien hemm darba waħda daqsxejn ta' tieqa*
*fi triq għażiża li kont nafha sew:*
*tifla sabiħa li ma rrid qatt ninsa,*
*tifla sabiħa kienet tgħix hemm ġew.*

*Imbagħad xi rġiel bil-karrettuni magħhom*
*ġew, waqqgħu d-dar, u l-bini kollu ntemm,*
*twarrab biex floku saret pjazza żgħira,*
*u dik it-tieqa għażiża m'għadhiex hemm.*

*Imma mhux minnu illi ġiet meqruda!*
*It-tieqa għadha hemm kif kien fiż-żmien.*
*Għax jekk nagħlaq għajnejja, u nħares sewwa,*
*nerġa' f'qalbi naraha kif nafha jien.*

Fl-użu tal-lessiku rumanz li 'l hawn u 'l hinn insibu fil-versi ta' din il-qatgħa, it-traduttur jurina li, bħalma nsibu wkoll f'poeżiji oħra ta' ilsna barranin fit-traduzzjonijiet tagħhom, fl-astrazzjonijiet sew ta' l-oġġett kemm ta' l-idejiet, ma tistax tinqeda biss bil-għodod ta' lsienna dejjem, u li fejn tidħol il-poeżija, *il-kelma Maltija safja ssaltan l-iktar fil-lirika sentimentali u romantika ta' lwien lokali.*

Aħna nifirħu lit-traduttur talli rnexxielu b'riżq tajjeb jidħol għal biċċa xogħol ġdida ta' traduzzjoni ta' din il-għamla, u nittamaw li ma ndumux ma jkollna mill-pinna għammiela tiegħu xi xogħol ieħor sieħeb *iċ-Ċenere.*

Il-ktieb *Irmied* hu stampat b'tipi ċari u fuq karta fina, u b'kopertina eleganti li tagħmel *reclame* sabiħ lid-Ditta li stamptu. Jinsab għall-bejgħ għand il-librara prinċipali, il-Belt.

A. Cremona.

**DUN KARM—POET OF MALTA**—Poeżiji ta' Dun Karm, magħżulin u maqlubin għall-Malti minn A.J. Arberry, Litt.D., F.B.A.,—Introduzzjoni u Glossarju minn Patri P. Grech, O.S.A., D.D., L.S.S.—Cambridge. University Press. 1961.

Din il-ġabra ta' Poeżiji magħżulin u maqlubin għall-Malti minn A.J., Arberry, Professur tal-Għarbi fl-Università ta' Cambridge, deħret stampata fi ktieb ftit xhur qabel il-mewt tal-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm.

Din it-traduzzjoni ta' versi Maltin magħmula minn bniedem li għandu isem fil-letteratura tal-Ilsna Semitiċi għax-xogħlijiet tiegħu ta' studji u traduzzjonijiet bl-Ingliż ta' poeżija Għarbija u Persjana, tkabbar mhux biss l-isem tal-poeta tagħna, Dun Karm, iżda żżid ukoll l-importanza, interess u ġieh tal-letteratura Maltija fost l-istudjużi tal-Ilsna Semitiċi barra minn Malta.

B'dan il-ħsieb il-Professur Arberry, minn mindu ġie jżurna hawn Malta, meta ġew f'idejh xi xogħlijiet tal-prożaturi u poeti Maltin mil-qut mill-isvilupp letterarju, għalkemm ċkejken, ta' lsienna, kien għamel ġabra ta' siltiet ta' proża u poeżiji, mill-pinna ta' kittieba, fejn wera kif mill-benniena ta' ftit qwiel, għanjiet u ħrejjef, il-lsien Malti maż-żmien rabba letteratura sbiħa, li kulma tmur dejjem tikber u tistagħna. "A Maltese Anthology" kien l-ewwel xogħol tiegħu ta' traduzzjonijiet ta' bċejjeċ ta' proża u poeżija mill-Malti għall-Ingliż li deher fi ktieb mill-Oxford Press fl-1960.

Qatt qabel ma kellna ġabra hekk sabiħa ta' proża, u l-iktar imbagħad ta' versi Maltin maqlubin f'ilsien barrani. 'L hawn u 'l hinn fl-istorja tal-letteratura Maltija ġie li kellna xi proża maqluba b'ilsien ieħor: xi ħrejjef, xi rakkonti, u dan l-aħħar xi rumanz ukoll, iżda qatt ġabra ta' proża u poeżiji bħal dik fil-"Maltese Anthology" u f'dik li issa għandna

tal-poeżiji ta' Dun Karm. It-traduzzjonijiet ta' proża jew għanjiet Maltin minn kittieba barranin, bħalma huma ta' Stumme, Ilg, Bonelli, Murray, Butcher u Arkell huma wisq ftit u ta' valur żgħir fejn ix-xogħlijiet ta' traduzzjonijiet mill-Malti għall-Ingliż mill-pinna tal-Professur Arberry.

Mill-ġabra kollha ta' poeżiji li kiteb u ppubblika Dun Karm f'ġurnali, rivisti u kotba żgħar għalihom, ta' madwar 230, mill-1912 sa' l-1952, għal dan il-ktieb, il-Professur Arberry għażel 37 poeżiji, li kif deherlu, setgħu, bit-traduzzjoni Ingliża tagħhom, juru l-qawwa poetika tal-pinna ta' Dun Karm lil nies barranin, u fost dawn, studjużi ta' l-ilsna semitiċi. Il-poeżija ta' Dun Karm, kif deher lill-Professur Arberry, kien tassew jistħoqqilha li tkun magħrufa barra mix-xtajta tad-daqsxejn ta' gżira tagħna, għax, bħalma stqarr hu stess, meta għall-ewwel darba, qara xi ftit mill-versi tiegħu, ħass tassew li Dun Karm kien poeta ta' ċertu valur wisq akbar milli sata' kien stmat f'pajjiżu. Fil-għażla tal-versi l-Professur Arberry fittex li jagħti lill-qarrej ħjiel, kemm jista' jkun, karatteristiku ta' l-istil, fantażija u sentimenti f'waħda jew oħra mill-għamliet ta' poeżiji li Dun Karm kiteb, sew jekk reliġjużi, profani, patrijottiċi, sentimentali, jew deskrittivi fejn 'l hawn u 'l hinn ma tonqosx dik l-arti ta' pittur morali tan-natura, u b'sentimenti awtobijografiċi f'xi versi allegoriċi, li f'xi waqtiet jagħmlu lil Dun Karm romantiku fil-ħsieb u fissentiment, kif osserva sew l-Awtur ta' l-Introduzzjoni ta' din il-ġabra ta' versi ta' Dun Karm.

Maġenb kull poeżija maqluba bl-Ingliż, fil-faċċata tax-xellug, tinsab il-poeżija oriġinali tat-test Malti ħlief fil-poeżija *l-Oqbra* li t-test oriġinali tagħha huwa mogħti bit-Taljan tal-Foscolo, fejn it-traduzzjoni hija eżempju mill-isbaħ tal-ħila ta' Dun Karm bħala traduttur tal-poeżija klassika.

L-Introduzzjoni ta' din il-Gabra ta' Poeżiji ta' Dun Karm, dwar l-isvilupp storiku tal-letteratura Maltija bi kriterji kritiċi fuq il-poeżija ta' Dun Karm, kif ukoll in-noti fuq kull poeżija, u l-glossarju tal-versi oriġinali fl-aħħar tal-ktieb huwa xogħol sabiħ u ta' reqqa mill-pinna ta' P. Prosperu Grech.

Il-ktieb jinsab għall-bejħ għand il-Librara prinċipali, il-Belt.

A. Cremona.

## "IN-NISEL TAL-KNISJA F'MALTA" minn Biagio Galea. Dipartiment ta' l-Informazzjoni, Malta—1961. Paġ. 120.

Il-Knisja f'Malta għandha setgħa u qawwa li jinħassu fil-ħajja u l-ħidma tal-poplu tagħna, u l-istorja tagħha hi midmuma mal-ġrajja ta' pajjiżna. Billi hemm din ir-rabta sħiħa bejn il-Knisja u l-Gżira tagħna hu ta' interess kbir li wieħed ikun jaf kif tnisslet u xxettlet il-Knisja f'Malta.

Is-sur Bjaġju Galea hu wieħed mill-ftit li jistgħu jagħtuna dawl fuq it-tnissil tal-Knisja fil-Gżira għax il-Knisja kellha bidu fl-inħawi tar-Rabat u l-Imdina fejn is-Sur Bjaġju twieled u trabba. Is-Sur Galea ilu żmien twil jinteressa ruħu fl-istorja ekkleżjastika ta' pajjiżna, hu stħarreġ il-ġrajja u l-leġġendi, qalleb kotba, ikkonsulta dokumenti qodma u, wara xogħol twil u ta' sabar, seħħlu jiġbor tagħrif siewi fuq il-bidu tal-Knisja f'Malta.

Dan l-istudju fih tagħrif li s'issa għadu qatt ma deher miktub u fih wkoll dokumenti li sal-lum kienu għadhom mitlufin jew moħbijin. L-awtur ma żammx biss fuq l-aspett ekkleżjastiku, imma sviluppa l-progress tal-Knisja mal-ħakma tal-pajjiż: hekk hu jiftaħ ix-xogħol tiegħu billi jagħti ħarsa lejn l-ewwel ġnus li ħakmu fuq Malta u jiddeskrivi l-istat politku u reliġjuż tal-Gżira tagħna fil-milja tas-snin u jagħmel enfasi fuq l-aqwa ġrajjiet li taw sura lill-qagħda tal-Knisja f'Malta, bħalma huma, biex insemmu ftit fin-Nawfraġju ta' San Pawl fil-konsegwenzi tiegħu fuq il-ħajja tal-poplu Malti; il-ġrajja tal-Grotta ta' San Pawl, — ir-Rabat, u jispiċċa b'tagħrif u b'deskrizzjoni tal-festi ċentinarji ta' San Pawl f'dak is-sobborg u, biex ikompli sa l-aħħar, ifisser in-negozjati li saru għat-trasferiment tal-Grotta mill-Gvern għall-awtorità tal-Knisja.

Għalhekk intqal sewwa fl-introduzjoni li "dan il-ktieb ma għandux jinqara biss għall-mogħdija taż-żmien, imma jmissu jservi bħala għajn ta' tagħrif għal min jixtieq jistħarreġ fl-istorja ta' Malta". Ktieb bħal dan huwa ta' fejda u jixraq li jinqara mill-Maltin u jinżamm fil-libreriji tagħhom. Fuq hekk nagħtu prosit lill-awtur u nixtiqulu kull success fil-kitba u riċerki futuri tiegħu. G.

**"INTI U S-CIVIL DEFENCE"**, Department of Information, Valletta—1961. Paġ. 30.

Daż-żmien kulħadd jitkellem fuq il-periklu ta' gwerra li d-dinja għaddejja minnu u kulħadd hu beżgħan mill-arma ta' qirda ġdida: il-bomba atomika. Esplożjoni ta' din il-bomba tagħmel ħerba bla tarf, toqtol eluf ta' nies u ġġarraf il-bini tal-inħawi ta' fejn taqa'.

Għalhekk il-Gvernijiet kollha qegħdin iħabirku kemm jifilħu biex iħarsu l-poplu minn din il-katastrofi u biex jilqgħu għall-ħsara li titnissel minn din il-bomba. Imma l-problema li ħolqot il-bomba hu tant kbir li biex jirsolvieh iridu jkunu l-Gvern u l-poplu flimkien. Dak li jagħmel il-Gvern jeħtieġ ikun imsieħeb mill-ko-operazzjoni u d-dixxiplina tal-kotra u f'każ ta' emerġenza l-qirda u l-ħerba jonqsu mhux ftit jekk ikun hemm għadd kbir ta' nies, rġiel u nisa, jafu sewwa x'għandhom jagħmlu.

Biex iseħħ dan il-Gvern stabilixxa l-organizzazzjoni tas-"Civil Defence" li bħala korp għandu d-dmir li jgħallem il-pubbliku x'għandu jagħmel u kif iġib ruħu fil-periklu.

Dan il-ktieb ħareġ fl-okkażjoni tal-għaxar snin mindu twaqqfet is-C.D. u jfisser l-attivitajiet kollha ta' dik l-organizzazzjoni. Min jaqrah jara kemm hemm x'wieħed jitgħallem u kemm korsijiet hemm miftuħin mis-C.D. Wieħed jista' ikollu xejra biex jidħol għal ħaġa, u jista' jħoss ruħu aktar adattat biex jagħmel ħaġa oħra. Dan il-ktieb ifisser fi ftit kliem il-faċilitajiet li kull ċittadin għandu biex jidħol għall-kors l-aktar adattat għaċ-ċirkostanzi tiegħu u hekk jipprepara ruħu għall-emerġenza li Alla ħares, tista' tinqala'. G.

## KOTBA LI RĊEVEJNA

**Taħriġ ta' Traduzzjoni għall-Matrikola u l-G.C.E.** minn Reginald Vella Tomlin.

**Ir-Rużarju.** Vol. XII. Jannar-Marzu, 1962; minn Patri Valentin Barbara, O.P.

**The Young Listener** — 6th Year: Nov. 1961 u No. 2 u Dec., 1961 No. 3, mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.